L-Università ta' Malta
Ġ.F. Abela Junior College

KPF
Kollezzjoni Programmi tal-Festa

# Il-Kollezzjoni Programmi tal-Festa

## Librerija tal-Junior College, l-Università ta' Malta

Fl-2019, il-Librerija tal-Junior College, fergħa mil-Librerija tal-Università ta' Malta, nediet proġett sabiex parti mill-kollezzjoni tal-Melitensia tiġi ddedikata għall-kultura tal-festi reliġjużi Maltin u Għawdxin. Għal dan il-għan, il-Librerija bdiet tiġbor diversi programmi tal-festa li jiġu ppubblikati ta' kull sena minn każini tal-baned, parroċċi, u diversi għaqdiet oħra, inklużi dawk tan-nar u l-armar.

L-esperjenza tagħna bħala librara, u xi ftit jew wisq l-interess dirett fil-qasam kulturali Malti, ġegħelna nagħtu ħarsa mill-qrib lejn il-kontenut ta' dawn il-programmi, kotba mimlija b'materjal ta' riċerka estensiva fuq dak kollu li għandu x'jaqsam ma' temi bħall-antropoloġija, jew aħjar l-istudju tas-soċjetà Maltija, l-arkittetura, l-arti, il-personaġġi Maltin, it-toponimija kif ukoll it-topografija ta' gżiritna, u mhux inqas il-folklor Malti. Nistgħu nikkunsidraw il-ktieb tal-festa bħala tieqa fuq l-aspett soċjoekonomiku u kulturali ta'pajjiżna, fuq dak kollu li jagħmilna uniċi bħala poplu Malti.

Fil-programmi tal-festa ltqajna ma' riċerka estensiva u sinjura, imwassla minn awturi Maltin li ħafna minnhom twieldu u baqgħu jgħixu fl-istess lokalità, kittieba li jistgħu jitqiesu bħala l-istorjografi tar-raħal. Bis-saħħa ta' dawn ir-riċerkaturi, il-kontenut miġbur jinkludi mhux biss dak li jinstab miktub fil-kotba u l-arkivji, iżda wkoll dak li ġie mgħoddi bil-fomm minn ġenerazzjoni għall-oħra.

Fil-Librerija kellna diversi programmi tal-festa, iżda il-ġabra bdiet tassew tiżviluppa meta kollezzjonist ta' dawn il-programmi wera x-xewqa li jgħaddilna l-kopji duplikati li kellu fil-kollezzjoni tiegħu, u b'hekk nistgħu ngħidu li bdejna l-ġabra bl-ewwel elf pubblikazzjoni minn diversi lokalitajiet Maltin u Għawdxin. Diversi każini tal-banda, għaqdiet u parroċċi ġew mgħarrfa b'dan il-proġett, kemm bil-miktub kif ukoll b'mod elettroniku, u bil-bosta kienu dawk li wrew ħeġġa lejn din l-inizjativa u saħansitra għaddewlna pubblikazzjonijiet tal-passat.

Kull programm tal-festa li jasal għandna jiġi rreġistrat fil-katalgu elettroniku tal-librerija u jitqiegħed f'kaxxi apposta mqassma skont il-lokalità, il-qaddis/a u l-għaqda li tkun ippubblikatu. Tajjeb li nsemmu li f'kull lokalità nsibu diversi għaqdiet li jippubblikaw dawn il-programmi kemm fl-okkażjoni tal-festa tal-qaddis patrun, kif ukoll fil-festi sekondarji u liturġiċi.

It-tim tal-Librerija ħass il-bżonn li titnieda paġna fuq il-midja soċjali, Facebook. Il-grupp 'Kollezzjoni Programmi tal-Festa' ġie kkreat f'Ġunju tal-2020, u sal-aħħar tal-2020 issieħbu 'l fuq minn elfejn membru, fosthom dilettatni u għaqdiet b'konnessjoni mal-festi Maltin, riċerkaturi minn kull qasam tal-ħajja, kemm nies lokali kif ukoll emigranti Maltin. Ta' kuljum fuq din il-paġna jittella' materjal informattiv li fih naġġornaw lill-membri fuq attivitatijiet li jkunu għaddejjin f'pajjiżna relatati mal-festi u l-għaqdiet, kif ukoll artikli ppubblikati fil-programmi tal-festa tal-passat.

Fil-preżent il-kollezzjoni tal-Librerija tal-Junior College tikkonsisti f'iktar minn 7,000 pubblikazzjoni, bl-aktar pubblikazzjonijiet antiki jmorru lura għas-sena 1952. Din il-kollezzjoni nistgħu ngħidu li qed

*ikompli f'paġna 53*